MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 261/2003

Kawza fil-lista: 76

***K* sive *K B* f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri *Z* u *C*,**
**ahwa *B***
**vs**
***N B***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Ottubru 1982, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett-it tfal li tnejn minnhom *Z* u *C* ghadhom minorenni [illum saru maggjorenni]; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli u tkissret irrimedjabbilment, minhabba sevizzi, eccessi, minacci, swat u ngurji gravi kommessi kontriha mill-konvenut; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex tressaq

l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bi htija tal-konvenut, u ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; [2] li tigi fdata bil-kura u kustodja tat-tfal minuri, b' access favur il-konvenut; [3] li tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaliha u ghat-tfal minuri; [4] li tapplika kontra l-konvenut l-artikolu 48 tal-Kap.16, in toto jew in parte; [5] li xxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti; [6] li tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar konjugali ad eskluzjoni tal-konvenut; [7] li l-konvenut jirritorna lill-attrici l-beni u krediti parafernali taghha; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut: cahad bhala nfondat dak lilu mputat mill-attrici; talab access liberu u ampju ghal uliedu minuri; sostna li m'ghandux ihallas manteniment ghal martu, stante li hi ghandha ntrojtu taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat li din il-kawza mxiet kontestwalment mal-kawza numru 53/03NC fl-ismijiet inversi;

Rat id-diversi verbali li permezz taghhom il-kawza, fuq talba taz-zewg partijiet, giet differita ghac-cessjoni, stante li l-partijiet kienu qed jipprovaw jitransigu;

Rat li fil-mori tal-kawza, il-partijiet wasslu ghal ftehim dwar l-assi, tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni ta' l-assi ppubblikat minn Nutar Dottor Annalise Micallef fit-13 ta' Awissu 2008;[1]

Rat li l-partijiet, ghalkemm talbu diversi differiment ghal dan il-ghan, baqghu ma pprezentawx noti ta' l-osservazzjonijiet;

Rat il-verbal registrat mill-attrici fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2009 li permezz tieghu talbet li [1] tintlaqa' l-ewwel talba; [2] jigi rizervat id-dritt taghha tal-

[1] Cit.35/03 – fol.72 *et seq.*

manteniment; [3] tigi ordnata d-dekadenza fil-konfront tal-konvenut; [4] jigu rilaxxjati r-ricevuti tal-Monte di Pieta' esebiti a fols.188 sa 191 tal-process, b' referenza ghax-xhieda taghha a fols.252 *et seq*. tal-process; [5] li l-attrici tigi awtorizzata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' Micallef;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll qed titlob sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jichad dak imputat lilu mill-attrici; filwaqt li fil-kawza 35/03NC, huwa qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 ta' l-imsemmi Kap.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Ottubru 1982, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett t'itfal, illum maggjorenni. Il-partijiet irriskontraw problemi serji fil-hajja konjugali taghhom bir-rizultat li eventwalment isseparaw de facto.

Illi l-attrici tghid li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien vjolenti maghha kemm moralment kif ukoll fizikament, u tirrakkonta episodju ta' vjolena fizika meta kellha circa seba' xhur tqala bl-ewwel wild. Tghid li l-konvenut kien jirrabja hafna, kien jixrob hafna u kien ta' sikwit jsawwatha, u ssemmi okkazzjoni meta l-konvenut ta' daqqa ta' harta lit-tifla Rhoda. Tghid ukoll li l-konvenut "kien jaqlibhieli ma' nisa ohra."[2]

---

[2] Fol.55

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li martu kienet taqlibhielu ma' certu Wilfred Bezzina li kien l-gharus tat-tifla Rhoda, u li eventwalment spiccat biex kellha relazzjoni mieghu.

Illi din ir-relazzjoni adulteruza da parti ta' l-attrici man-namrat tat-tifla Rhoda, tinsab konfermata mill-istess bint tal-partijiet; fil-fatt din tghid li "kien minhabba f' hekk li jiena tlaqt lil dan il-guvni."[3] Din ix-xhud tghid ukoll li, mhux missierha kien jixrob, izda l-attrici li kienet tibda tixrob il-whisky id-dar minn filghodu u tibqa' serjra hekk matul il-gurnata kollha.

Illi l-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, principalment minhabba r-relazzjoni adulteruza ta' l-attrici, u sekondarjament minhabba sevizzi da parti ta' zewgha fil-konfront taghha matul il-hajja konjugali.

Tosserva, li l-verzjoni tal-konvenut dwar l-adulterju ta' martu tinsab korroborata sodisfacentement minn xhieda ohra. Inoltre, ghalkemm l-attrici xehedet sussegwentement ghad-depozizzjoni tal-konvenut, hija ma cahditx dak allegat minnu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment principalment ghar-raguni kontemplata fl-artikolu 38 tal-Kap.16 imputabbli lill-attrici, u sekondarjament ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 imputabbli lill-konvenut; u ghandha tapplika d-dekadenza fil-konfront taz-zewg partijiet.

**Kura u Kustodja**

Illi llum dan il-kap huwa sorvolat stante li z-zewg t'itfal minorenni saru maggjorenni.

**Manteniment**

[3] Fol.195

Illi dwar l-arretrati ta’ manteniment dovut lill-attrici ghat-tfal minuri, il-Qorti, fuq talba tal-istess attrici, qed tirrizerva li tipprovdi f’ dan ir-rigward, f’ gudizzju separat.

F’ dan l-istadju ser tipprovdi limitatament billi tawtorizza lill-attrici tirtira mill-atti r-ricevuta tal-Monte di Pieta’ fuq indikati.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Illi permezz tal-kuntratt fuq indikat, il-partijiet, wara li xoljew u tterminaw il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom, iddikjaraw illi din “ma tikkontjeni ebda assi attivi, kif ukoll ma hemm ebda djun gravanti l-imsemmija komunjoni ta’ l-assi.”

Ghalhekk dan l-aspett tal-kawza jinsab sorvolat bi transazzjoni tal-partijiet. Jigi osservat ghal fini tal-kompletezza, li fix-xhieda taghha l-attrici spjegat li d-dar konjugali kienet nbieghet.

**Proprjeta’ Parafernali**

Illi fid-depozizzjoni taghha moghtija fl-14 ta’ Mejju 2008 l-attrici spjegat li mill-flus tal-wirt hija kienet harget l-ammont ta’ €12,812 [ekwivalenti ghal LM5,500] ghax-xiri tad-dar, u l-ammont ulterjuri ta’ €12,812 [ekwivalenti ghal LM5,500] ghax-xiri tad-dghajsa, ghalhekk sostniet li ghandha tiehu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti s-somma ta’ €25,623 [ekwivalenti ghal LM11,000] bhala kreditu parafernali.

Illi pero’ l-Qorti tosserva li fil-kuntratt ippubblikat fit-13 ta’ Awissu 2008, u cioe’ wara d-data li fiha nghatat l-imsemmija depozizzjoni, il-komparenti, u allura anke l-attrici, iddikjaraw li “… ma hemm ebda djun gravanti l-imsemmija komunjoni ta’ l-assi.”[4]

Ghalhekk din il-pretensjoni attrici, illum tinsab newtralizzata b’ dak li ftehmu u qablu fuqu l-partijiet fl-imsemmi kuntratt, presumibilment l-pretenzjoni ta’ dan il-kreditu parafernali giet diskussa, qabel ma sar il-kuntratt,

[4] Cit.35/02 – fol.73

u kien sar qbil fir-rigward fuqha bejn il-partijiet, kristilizzat bl-imsemmi kuntratt.

Illi pero’ hija gustifikata l-pretensjoni tal-konvenut dwar ic-choker u l-gizirana li qedin fil-pussess ta’ l-attrici, u li din stess, ikkonfermat li kienu parafernali tal-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija principalment ta’ l-attrici, u sekondarjament tal-konvenut;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li llum ma hemmx ulied minuri;

[3] tichad l-ewwel parti tat-tielet talba, filwaqt li tirrizerva li tipprovdi dwar it-tieni parti [il-manteniment ghat-tfal] f’ gudizzju separat;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba;

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante transazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward;

[6] tichad is-sitt talba, stante li l-fond inbiegh fil-mori;

[7] tichad is-seba’ talba.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut in kwantu ghal terz [1/3] filwaqt li r-rimanenti zewg terzi [2/3] ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------